

# ĦARSA LEJN IL-ĦAJJA ĊELIBI FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"…biex tgħixu marbutin mal-Mulej bla tixrid ta' moħħ" (1 Korintin 7:35)*

Iċ-ċelibat huwa għażla libera ta' ħajja, fejn wieħed jagħżel li ma jiżżewwiġx u li jingħata kollu kemm hu lil Alla u lill-bnedmin. Mill-perspettiva biblika, iċ-ċelibat huwa l-aħbar it-tajba tas-"saltna tas-smewwiet", "…fejn la jżewġu u lanqas jiżżewġu" (Mt 22:30), u għalhekk żgur li mhuwiex xi nuqqas fil-ħajja tal-bniedem. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'paragrafu 915 jgħidilna li: "…dawk li minn rajhom jilqgħu s-sejħa għall-ħajja kkonsagrata titlob minnhom id-dmir li jħarsu l-kastità fiċ-ċelibat f'ġieħ is-Saltna tas-Smewwiet…".

## Fl-Antik Testment

Fl-Antik Testment niltaqgħu ma' mumenti ta' astinenza minn relazzjonijiet sesswali u dan meta xi persuni kienu se jkellmu lil Alla jew qabel il-qadi liturġiku: "Lestu ruħkom għat-tielet jum; sadattant tersqux lejn in-nisa tagħkom." (Eżodu 19:15). Mument ieħor ta' astinenza sesswali, kien meta s-suldati kienu se jmorru għall-gwerra li kienet meqjusa bħala waħda qaddisa u hawnhekk għandna l-episodju tas-suldat Urija, ir-raġel ta' Batseba li magħha r-re David kellu relazzjoni ta' mħabba. Ġara li Batseba ħarġet tqila b'tarbija minn David, u dan biex jgħatti d-dnub tiegħu tal-adulterju, ried li Urija jkollu x'jaqsam ma' martu qabel ma dan imur għall-gwerra ħalli b'hekk ma jindunax li t-tifel li kien ġej fid-dinja kien ta' David: "L-arka ta' Iżrael u Ġuda qegħdin fit-tined u





sidi Ġowab u l-qaddejja ta' Sidi fil-kamp għall-beraħ tar-raba', u mbagħad jien immur f'dari niekol u nixrob, u norqod ma' marti? F'ħajjietek u ħajjet ruħek, dan ma nagħmlu qatt." (2 Samwel 11:11). Fil-fatt Urija quddiem il-liġi ma setax jersaq lejn martu u dan David kien jafu u b'hekk wara li fallielu dan il-pjan, David għamel minn kollox sabiex Urija jinqatel fil-gwerra.

Ma ninsewx fuq kollox, is-sejħa ċara għall-ħajja ċelibi tal-profeta Ġeremija li kien ġej minn familja saċerdotali tat-tribù ta' Benjamin (ara Ġer 16:1). Għalhekk mela fl-A.T. niltaqgħu mal-ħsieb taċ-ċelibat, għalkemm jitkellem iktar minn mumenti ta' rażan u astinenza. Anke l-kitbiet Ġudajċi bħal il-*Mixna* u t-*Talmud*, li jitkellmu ħafna mill-astinenza sesswali qabel is-servizz liturġiku, jitkellmu wkoll miċ-ċelibat. Infatti nsibu wkoll xi Rabbini li kienu ċelibi.

## Fil-Ġdid Testment

Fil-Ġdid Testment, iċ-ċelibat huwa mħabbar bħala 'aħbar tajba' tas-Saltna tas-Smewwiet. Insibuh b'mod iżjed frekwenti u vvalorizzat aktar, kif naraw, fil-vanġeli u fl-ittri ta' San Pawl. Ġesù nnifsu ċelibi, jitkellem miċ-ċelibat fejn isemmi lil dawk il-persuni li jiċċaħħdu li

jiżżewġu għas-Saltna ta' Alla: "…u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet…" (Mt 19:12). Iċ-ċelibat ma kienx xi ħaġa ta' barra minn hawn fi żmien Ġesù; kien jiġi pprattikat minn xi individwi ta' spiritwalità kbira. San Ġwann il-Battista ma kienx miżżewweġ kif ukoll kien l-appostlu San Ġwann l-Evanġelista. Insibu anke l-komunità ta' Qumran, l-Esseni, fejn l-irġiel u n-nisa kienu jiddedikaw ħajjithom lil Alla fiċ-ċelibat.

San Mattew f'22:23-33 jurina l-episodju interessanti ta' Ġesù mas-Sadduċej li ma kinux jemmnu fil-qawmien tal-ġisem fl-aħħar taż-żminijiet. Huwa diskors li jitkellem dwar il-ħajja ta' wara l-mewt u ż-żwieġ, iżda jagħtina dawl ukoll fuq iċ-ċelibat. Hawnhekk Ġesù jurina l-verità tal-qawmien mill-imwiet, liema viżjoni eskatoloġika tagħti sens u skop liċ-ċelibat. Iċ-ċelibat huwa mfisser bħala vokazzjoni u grazzja. Anke fl-episodju dwar id-divorzju mal-Fariżej, Ġesù f'Mt 19:3-13, ukoll jagħti importanza liċ-ċelibat: "Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommhom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem!" (Mt 19:12). Il-kelma Griega *eunoukos* tfisser bniedem ċelibi jew impotenti, eżattament tfisser tħares il-mara, *eune* tfisser il-post fejn hemm il-mara u *ekhein* tfisser 'tħares'. Is-Sumeri (2000 Q.K.) kellhom l-ewnuki għall-funzjonijiet soċjali, kienu s-saċerdoti ta' Cybele, u fil-Bibbja nsibu l-ewnuki ta' Assweru *sarisim* u ewnuku tal-Etjopja tas-sultana Kandaċi (Atti 8 :27-39). Jingħad li Origene u Pietru Abelard kienu ewnuki. San Luqa f'18:29-30, jitkellem miċ-ċelibat minħabba s-Saltna ta' Alla wkoll. Naraw fuq kollox hawnhekk iċ-ċelibat bħala abbandun u faqar iżda li mbagħad wara, wieħed jirċievi l-premju, fejn Ġesù jwiegħed il-mitt darba aktar f'din id-dinja u mhux biss, imma anke l-ħajja eterna.

San Pawl li huwa nnifsu kien ċelibi kif naraw f'1 Korintin 7:7, iħares lejn iċ-ċelibat bħala don partikulari tal-grazzja ta' Alla fejn wieħed jingħata esklussivament għal Alla (ara 1 Kor 7:29-35; 1 Tim 3:2 u Titu 1:6). Huwa jfaħħar iċ-ċelibat, iżda huwa qatt ma jikkundanna ż-żwieġ jew impona ċ-ċelibat fuq xi ħadd: "Irridkom tkunu bla ħsibijiet. Min mhux miżżewweġ jaħseb fil-ħwejjeġ tal-Mulej, kif jogħġob lill-Mulej" (1 Kor. 7:32). Għalih iċ-ċelibat huwa kariżma u rabta ma' Kristu "…biex tgħixu marbutin



mal-Mulej bla tixrid ta' moħħ." (1 Kor 7:35).

## Iċ-Ċelibat Saċerdotali fil-Knisja Kattolika

Il-ministri ordnati kollha tal-Knisja Kattolika tar-Rit Latin, barra mid-djakni permanenti, huma rġiel ċelibi. Huma msejħin sabiex jikkonsagraw ħajjithom lil Alla u lill-ħwejjeġ tiegħu. Iċ-ċelibat saċerdotali għalhekk huwa don minn Alla. Iċ-ċelibat għas-saċerdoti tar-Rit Latin ġie stabbilit b'mod uffiċjali fit-tnax-il seklu bħala kundizzjoni universali wara r-riformi tal-Papa Gregorju VII. Iċ-ċelibat saċerdotali ma nsibuhx biss fir-reliġjon kattolika imma hu aċċettat ukoll minn knejjes oħra Nsara u nsibuh f'xi reliġjonijiet oħra bħal pereżempju fil-Buddiżmu.

Il-Konċilju Vatikan II, fid-Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, *Presbyterorum ordinis* tas-7 ta' Diċembru 1965 fin-numru 16 jgħid: "Iċ-ċelibat hu sinjal ta' din il-ħajja ġdida, li għall-qadi tagħha huma kkonsagrati l-ministri tal-Knisja; milqugħ b'qalb hienja, iċ-ċelibat iħabbar is-Saltna ta' Alla b'mod tassew ferħan". Dokumenti oħra li jitkellmu dwar iċ-ċelibat huma *Optatam totius* tat-28 t'Ottubru 1965, *Sacerdotalis Caelibatus*, Enċiklika ta' San Papa Paulu VI tal-24 ta' Ġunju 1967, *Novo Incipiente Nostro*, Ittra Appostolika ta' San Papa Ġwanni Pawlu II tas-6 ta' April 1979, u *Ultimis Temporibus* Sinodu Dinji tal-Isqfijiet, tat-30 ta' Novembru 1971.

Ommna l-Knisja mnebbħa dejjem mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tkompli mela tgħallem iċ-ċelibat saċerdotali bħala għażla libera u li tgħin is-saċerdot ikun miftuħ iktar għall-oħrajn fil-qadi tal-missjoni tiegħu u jkun marbut mal-affarijiet tas-sema. B'dan il-Knisja trid tfisser, il-għotja sħiħa tas-saċerdot u ta' ħajtu għall-familja 'ikbar', dik tal-merħla ta' Kristu.

## Bibliografija


Blenkinsopp, J., *Celibacy, ministry, Church*, New York 1968.

Callam, D., "Clerical continence in the fourth century: Three Papal decretals", in *Teological Studies* 41 (1980).

Cochini, C., *The Apostolic Origins of Priestly Celibacy*, San Francisco (CA) 1990.

De Lorenzi, L. "Verginita" in *Nuovo Dizianario di Teologia Biblica*, Roma 1988.

*The Code of Canon Law. A text and commentary*, J.A. Coriden – T.J. Green – D.E. Heintschel (eds.), Bangalore 1991.

Hire, R.P., *Our Christian Faith. One, holy, catholic and apostolic Church*, Huntington 1977.

*Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, Arcidjocesi ta' Malta (eds.), Blata l-Bajda 1993.

*Nuovo Dizionario di Spiritualità*, S. de Fiores – T. Goffi (eds.), Torino 1985.

*Nuovo Dizonario di Teologija Biblica*, P. Rossano – G. Ravasi – A. Girlanda (eds.), Roma 1988.